MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Sede Inferjuri)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2022

Appell Inferjuri Numru 176/2015 LM

**Meli Bugeja Trading Limited (C 24808)**
*('is-soċjetà rikorrenti')*

***vs.***

**Cleaven-Ray Mizzi** *('l-intimat')*
**u b'digriet mogħti fil-verbal tas-27 ta' Jannar, 2016,**
**ġie kjamat fil-kawża Chris Grima** *('il-kjamat fil-kawża')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat **Cleaven-Ray Mizzi (K.I. 234086M)** [hawnhekk 'l-intimat'], minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) [minn issa 'l quddiem 'l-Ewwel Qorti'] tas-26 ta' Novembru, 2020, [minn issa 'l quddiem 'is-sentenza appellata'], li permezz tagħha l-Ewwel Qorti ċaħdet l-eċċezzjonijiet

kollha tal-intimat u tal-kjamat fil-kawża Chris Grima [minn issa 'l-kjamat fil-kawża'] safejn diretti lejn is-soċjetà rikorrenti **Meli Bugeja Trading Limited (C 24808)** [minn issa 's-soċjetà rikorrenti'], laqgħet it-talba tas-soċjetà rikorrenti u kkundannat lill-intimat Cleaven-Ray Mizzi jħallasha s-somma ta' tliet elef, sitt mija u wieħed u disgħin Euro u erba' ċenteżmi (€3,691.04), rappreżentanti l-prezz ta' *pellet stove* u l-aċċessorji relattivi mibjugħa u kkonsenjati lill-intimat, bl-imgħax mis-17 ta' Ġunju, 2015. L-Ewwel Qorti ċaħdet it-talba rikonvenzjonali tal-intimat rikonvenzjonant fil-konfront tas-soċjetà rikorrenti, u laqgħetha limitatament fil-konfront tal-kjamat fil-kawża, filwaqt li laqgħet it-tielet eċċezzjoni tal-kjamat fil-kawża Chris Grima u ċaħdet il-kumplament tal-eċċezzjonijiet sollevati minnu safejn mhumiex kompatibbli ma' dak deċiż, filwaqt li kkundannat lill-kjamat fil-kawża Chris Grima jħallas lill-intimat is-somma komplessiva ta' erba' mija u tnejn u sebgħin Euro (€472), bl-imgħax mit-18 ta' Marzu, 2016. L-Ewwel Qorti ddeċidiet ukoll li l-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu kollha mill-intimat Cleaven-Ray Mizzi, filwaqt li l-ispejjeż tal-kontro-talba jitħallsu kwantu għal terz mill-kjamat fil-kawża u żewġ terzi mill-intimat.

**<u>Fatti</u>**

2. Is-soċjetà rikorrenti ppreżentat rikors kontra l-intimat, fejn talbet lill-Qorti tikkundannah iħallasha s-somma ta' tliet elef, sitt mija u wieħed u disgħin Euro u erba' ċenteżmi (€3,691.04) rappreżentanti l-prezz ta' *pellet stove* u l-aċċessorji relattivi mibjugħa u kkonsenjati lill-intimat mis-soċjetà rikorrenti.

**<u>Mertu</u>**

3. Is-soċjetà rikorrenti istitwiet proċeduri għall-ħlas lilha tas-somma ta' €3,691.04 rappreżentanti l-prezz ta' *pellet stove* u aċċessorji tiegħu. L-intimat wieġeb li l-pretensjonijiet tas-soċjetà rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt, għaliex is-soċjetà rikorrenti kellha mhux biss tipprovdi dan il-*pellet stove* u l-aċċessorji relattivi, iżda kellha wkoll tagħmel xogħlijiet ta' istallazzjoni sabiex dan il-*pellet stove* jitlesta u jkun jiffunzjona. L-intimat qal li s-soċjetà rikorrenti naqset milli tikkonsenja dan il-*pellet stove* u l-aċċessorji kif miftiehem, kif ukoll naqset milli tikkompleta x-xogħlijiet skont is-sengħa u l-arti, u minħabba f'hekk huwa sofra danni fil-proprjetà tiegħu. B'żieda u mingħajr preġudizzju għal dan, l-intimat qal li fi kwalunkwe każ l-ammont pretiż mis-soċjetà rikorrenti huwa wieħed esaġerat u eċċessiv.

4. Flimkien mar-risposta tiegħu, l-intimat ressaq ukoll kontro-talba fejn talab li s-soċjetà rikorrenti tiġi kkundannata tħallsu l-ammont komplessiv ta' erbat elef, mitejn u tnejn u ħamsin Euro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€4,252.54), rappreżentanti riparazzjonijiet li jridu jsiru fil-fond 51, Anello d'Oro, Triq il-Gardell, il-Mosta, billi x-xogħlijiet miftiehma bejn il-partijiet ma ġewx ikkompletati, kif ukoll minħabba xogħol ħażin u mhux skont is-sengħa u l-arti li sar waqt it-tqegħid tal-imsemmi *pellet stove* mill-ħaddiema tas-soċjetà rikorrenti jew minn persuni inkarigati minnha.

5. Għal din il-kontro-talba tal-intimat rikonvenzjonant, is-soċjetà rikorrenti rikonvenzjonata wieġbet li t-talbiet fil-kontro-talba tal-intimat huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u dan għal diversi raġunijiet validi fil-liġi, inkluż imma mhux

limitatament li ebda flus m'huma dovuti lill-intimat Cleaven-Ray Mizzi, wisq anqas bħala kumpens għal xi allegati riparazzjonijiet li kellu jagħmel, jew minħabba xogħol mhux kompletat, jew riżultat ta' xogħol mhux skont is-sengħa u l-arti, jew bħala danni. Is-soċjetà rikorrenti rikonvenzjonata eċċepiet li r-relazzjoni kummerċjali tagħha mal-intimat kienet testendi biss sal-fornitura tal-*pellet stove* u hi la kellha l-inkarigu u lanqas involviment fl-installazzjoni tiegħu, għaliex l-intimat inkariga lil terzi sabiex jagħmel l-installazzjoni. Qalet li għalhekk kull relazzjoni kummerċjali li setgħet eżistiet dwar l-installazzjoni ta' dan il-*pellet stove* kienet waħda diretta bejn Cleaven-Ray Mizzi u t-terzi li installawh, u hija ma kellha ebda involviment f'din ir-relazzjoni.

6. Wara li permezz ta' digriet mogħti fis-27 ta' Jannar 2016 fuq talba tal-konvenut Cleaven Ray Mizzi, il-Qorti ordnat il-kjamata fil-kawża ta' **Chris Grima**, dan wieġeb li t-talbiet tas-soċjetà rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u huwa ma jaħtix għall-ħsarat li seħħew. Qal li f'każ li l-intimat sofra xi danni, liema danni jridu jiġu ppruvati, dan seħħ unikament tort tas-soċjetà rikorrenti li pprovdiet għodda lill-kjamat fil-kawża sabiex ikun jista' jagħmel ix-xogħol, u wara rriżulta li ma kinitx għodda idoneja għax-xogħol meħtieġ. Il-kjamat fil-kawża qal li fi kwalunkwe każ d-danni pretiżi huma esaġerati u għandha tinġieb prova tagħhom.

7. **Michael Meli Bugeja** xehed li huwa direttur tas-soċjetà rikorrenti, u l-ammont pretiż fir-rikors promutur għadu dovut. Ix-xhud qal li l-intimat kien wera x-xewqa li jagħmel l-installazzjoni tal-*pellet stove* huwa stess, għalkemm min-naħa tas-soċjetà rikorrenti kienu ġew rakkommandati żewġ persuni li setgħu jagħmlu l-installazzjoni. Ix-xhud qal ukoll li kull trattattiva bejn l-intimat

u min għamel l-installazzjoni, saret bejniethom, u s-soċjetà rikorrenti ma ħadet l-ebda kummissjoni u ma kellha x'taqsam xejn mal-installazzjoni li saret fuq il-post. Ix-xhud qal li l-unika ħaġa li ħadet ħsieb is-soċjetà rikorrenti kienet l-i*start-up* ta' dan il-*pellet stove,* u matul is-sena l-intimat mar diversi drabi jixtri l-*pellets* mingħand is-soċjetà rikorrenti, u qatt ma ilmenta dwar il-mod kif kien qed jaħdem l-i*stove.* Ix-xhud qal ukoll li l-intimat qatt ma ta raġuni għalfejn huwa naqas milli jħallas dak dovut minnu. Ix-xhud qal ukoll li l-flus dovuti kellhom jitħallsu dakinhar li saret il-konsenja, iżda l-ħlas baqa' ma sarx.

8. Il-kjamat fil-kawża **Chris Grima**, fix-xhieda tiegħu qal li huwa jaħdem bħala *chimney sweeper* u jieħu ħsieb it-tindif taċ-ċmieni tal-*fireplaces.* Qal li huwa jaħdem għal rasu u jieħu x-xogħol mingħand diversi kumpanniji. Ix-xhud qal li huwa kien għamel xi xogħol sabiex setgħet issir l-installazzjoni tal-i*stove* fid-dar tal-intimat, u l-ftehim dwar tali installazzjoni sar bejnu u l-intimat biss. Ix-xhud qal li huwa baqa' ma tħallasx għal dan ix-xogħol, u hu qiegħed jippretendi li jitħallas mingħand l-intimat, għaliex dak kien il-ftehim bejn il-partijiet. Żied jgħid li waqt l-installazzjoni huwa kellu inċident għaliex waqgħalu skarpell u għamel ħsara fuq xambrella tal-injam, u fuq maduma, u minkejja li offra li jixtri metru madum sabiex ipatti għall-ħsara kkaġunata, l-intimat kien qallu li l-madum li nxtara minnu ma għoġbux. Qal ukoll li l-intimat lanqas ma ppermetta lil Grima jieħu lil xi ħadd ħalli jirranġa x-xambrella fejn saret il-ħsara.

9. Ix-xhud **Joe Diacono** qal li huwa kien jaħdem mas-soċjetà rikorrenti, u kien hu li biegħ il-*pellet stove* in kwistjoni lill-intimat. Kompla jgħid li l-intimat kien infurmah li l-installazzjoni tal-i*stove* kien ser jieħu ħsiebha huwa stess.

10. Fix-xhieda tiegħu l-intimat **Cleaven-Ray Mizzi** qal li huwa kien xtara *pellet stove* mingħand is-soċjetà rikorrenti, flimkien mal-aċċessorji tagħha u bis-servizz tal-installazzjoni. Qal li l-prezz indikat fuq il-fattura mhux il-prezz miftiehem bejn il-partijiet, u l-ftehim kien li l-prezz kellu jkun ta' madwar €2,650 għall-provvista u l-installazzjoni. Qal ukoll li hemm ħames xkejjer *pellets* li għad irid isir ħlas tagħhom. L-intimat qal li l-unika ħaġa li ma sarx ftehim dwarha kienet il-prezz tal-katusi, iżda qal li l-prezz globali ma kellux ikun ta' €3,651 kif muri fil-fattura.

11. Ix-xhud **Pierre Pulis** qal li l-intimat huwa ħabib tiegħu, u hu u l-intimat kienu tħajru li jixtru *pellet stove* fl-istess żmien, u għalhekk ftiehmu li jixtru tnejn bil-ħsieb li jixtruuhom bi prezz tajjeb. Qal li meta ddeċidew li jixtru l-i*stove* mingħand is-soċjetà rikorrenti, il-mudelli li għażlu hu u l-intimat kien differenti minn ta' xulxin, u l-mudell li għażel l-intimat kien iżgħar minn tiegħu. Ix-xhud qal li huwa kien mar id-dar tal-intimat waqt li kienet qegħda ssir l-installazzjoni minn Grima, u huwa seta' jinnota li x-xogħol ma kienx qiegħed isir skont is-sengħa u l-arti. Qal li meta huwa rrimarka dwar dan ma' Grima, dan kien qallu li s-soċjetà rikorrenti ma tatux il-kartun kif suppost u li kien għalhekk li kien hemm id-daqqiet max-xambrella u mal-art.

12. Mir-rapport u mix-xhieda tal-**Perit Mark Arrigo**, inkarigat mill-intimat, jirrizulta illi l-madum li effettivament ġarrab il-ħsara b'daqqiet fil-wiċċ, jinsab konċentrat madwar il-katusa tal-i*stove* f'radius ta' ċirku metru u nofs, iżda l-istima li huwa ghamel fis-somma ta' €3,503.85 (mingħajr VAT) tirrappreżenta l-ispejjeż meħtieġa *inter alia* għat-tneħħija, fornitura u tqegħid ta' madum ta' arja superfiċjali ta' 65 metri kwadri u l-i*skirting* relattiv. Il-Perit Arrigo, fid-

deposizzjoni tiegħu, fisser illi l-istima saret abbażi ta' arja superfiċjali ta' 65 metri kwadri ta' madum, proprju għaliex kien ġie infurmat mill-klijent tiegħu illi peress li m'għadux jinbiegħx aktar madum identiku għal dak li għandu fil-fond tiegħu, ikollu jiġi rimpjazzat il-madum tas-sular intier, inkluż l-i*skirting* kollu. Iżda fl-istess waqt, ix-xhud ikkonferma wkoll illi l-ħsara prinċipali, liema ħsara tikkonsisti f'daqqiet żgħar superfiċjali, tinsab fuq erba' jew ħames madumiet. Żied jgħid li jkun biżżejjed jekk jiġu rimpjazzati dawn il-madumiet biss, anke għaliex il-madumiet li fihom il-ħsara jistgħu jiġu rimpjazzati waħedhom mingħajr il-ħtieġa illi tinqala' l-art kollha tal-*landing* in kwistjoni, u f'tali każ, l-ispiża ma tiskorrix is-somma ta' tliet mitt Euro (€300).

**<u>Is-Sentenza Appellata:</u>**

13. Permezz tas-sentenza tas-26 ta' Novembru, 2020, l-Ewwel Qorti ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimat fir-rigward tat-talba prinċipali, kif ukoll l-eċċezzjonijiet tal-kjamat fil-kawża kwantu diretti fil-konfront tas-soċjetà rikorrenti; laqgħet it-talba tas-soċjetà rikorrenti u kkundannat lill-intimat iħallasha s-somma ta' €3,691.04, rappreżentanti l-prezz tal-*pellet stove* u l-aċċessorji relattivi mibjugħa u kkonsenjati lilu, bl-ispejjeż u bl-imgħax mis-17 ta' Ġunju, 2015; ċaħdet it-talba rikonvenzjonali tal-intimat safejn diretta kontra s-soċjetà rikorrenti, iżda laqgħetha limitatament fil-konfront tal-kjamat fil-kawża; laqgħet it-tielet eċċezzjoni tal-kjamat fil-kawża Chris Grima u ċaħdet il-kumplament tal-eċċezzjonijiet sollevati minnu safejn mhumiex kompatibbli mas-sentenza tal-Ewwel Qorti; u kkundannat lill-kjamat fil-kawża jħallas lill-intimat is-somma ta' erba' mija u tnejn u sebgħin Euro (€472), bl-imgħax mit-18

ta' Marzu, 2016 sad-data tal-pagament effettiv, u dan wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"Illi l-fatti li taw lok għal din il-vertenza huma s-segwenti. L-intimat Mizzi xtara mingħand is-soċjetà rikorrenti* pellet stove *u xi aċċessorji għall-prezz ta' €3,691.04. Dan il-prezz baqa' ma tħallasx għalkemm dan l-istove ġie konsenjat fil-fond tal-intimat. Jirriżulta wkoll illi waqt l-istallazzjoni tal-istove ġew ikkaġunati ħsarat f'xi madum u f'xambrella tal-injam fil-fond tal-intimat, u l-intimat jinsisti li għandu jiġi kkumpensat għal dawn id-danni.*

*Is-soċjetà rikorrenti titlob il-ħlas tal-prezz ta' €3,691.04, liema prezz hija ssostni li tirrappreżenta l-prezz tal-mudell tal-istove li għażel l-intimat, inkluż pellets u pipes għall-istess stove, iżda ma jinkludix l-ispejjeż tal-installazzjoni għaliex dan is-servizz ġie kkummissjonat mill-intimat mingħand terzi. Ix-xhieda mressqin mis-soċjetà rikorrenti fir-rigward xehdu illi għalkemm il-kumpannija tipprovdi servizz ta' installazzjoni u għalkemm inizjalment, il-ftehim mal-intimat kien illi l-istove kellu jiġi istallat mis-soċjetà rikorrenti, sussegwentement irriżulta li l-intimat għażel mudell differenti u metodu ta' installazzjoni differenti li kienet sejra tinvolvi xogħol li s-soċjetà rikorrenti ma setgħetx twettaq skont l-esiġenzi tal-intimat u konsegwentement, il-ftehim dwar l-istallazzjoni ma baqax jgħodd. Is-soċjetà rikorrenti ssostni li ġiet mitluba mill-intimat biex tirrakkomanda persuna li setgħet tagħmel installazzjoni kif xtaq hu. Tgħid ukoll li l-intimat qatt ma lmenta li l-istove ma kienx jiffunzjona tajjeb jew li kien ordna stove differenti minn dak li effettivament ġie konsenjat lilu, u l-ilment tiegħu dwar l-istove kien jikkonċerna unikament xi ħsarat li allegatament saru waqt l-istallazzjoni, fosthom xi ħsarat fil-madum tar-residenza tiegħu.*

*Da parti tiegħu, l-intimat jikkontendi illi s-soċjetà rikorrenti ma kkonsenjatx il-pellet stove u l-aċċessorji kollha skont il-ftehim bejn il-partijiet, għaliex il-prezz mitlub mhuwiex il-prezz li ġie maqbul għall-mudell li huwa għażel. Isostni li l-prezz miftiehem kellu jkun ferm inqas, oltre illi kellu jinkludi wkoll il-konsenja u l-installazzjoni tal-istove, liema stove huwa jgħid li xtrah komplut b'kollox u funzjonanti.*

*Ikkunsidrat;*

*Kwantu għas-servizz tal-istallazzjoni tal-istove, mill-provi jiriżulta illi effettivament dan is-servizz ma ġiex ipprovdut mis-soċjetà rikorrenti u l-istallazzjoni saret mill-kjamat fil-kawża Chris Grima. Il-kjamat fil-kawża xehed huwa stess u b'mod inekwivoku, illi għalkemm kienet is-soċjetà rikorrenti li introduċietu mal-intimat sabiex jagħmel ix-xogħol ta' istallazzjoni tal-istove li xtara l-intimat, huwa ġie*

*inkarigat direttament mill-intimat u mhux mis-soċjetà rikorrenti, biex jagħmel l-istallazzjoni. Kemm hu hekk, il-kjamat fil-kawża fisser li hu ftiehem direttament mal-intimat dwar il-ħlas tax-xogħol li kellu jwettaq iżda minkejja li l-istallazzjoni saret, l-intimat baqa' ma ħallsux.*

*Minn dan isegwi illi kuntrarjament għal dak eċċepit mill-intimat, is-soċjetà rikorrenti ma kinitx inkarigata bl-istallazzjoni tal-istove u l-prezz tal-istove ma kellux jinkludi wkoll l-ispejjeż tal-istallazzjoni. Effettivament, jirriżulta li l-ispejjeż tal-istallazzjoni ma jifformawx parti mill-fattura maħruġa lill-intimat għall-bejgħ tal-istove. (fn. 6 fol. 13).*

*Ikkunsidrat;*

*Kwantu għat-tieni eċċezzjoni tal-intimat li biha jikkontendi illi s-soċjetà rikorrenti ma fornietx l-istove u aċċessorji li ġew miftiehma, mill-fattura tal-5 ta' Jannar, 2015 jirriżulta illi l-istove li ġie konsenjat lill-intimat huwa tal-mudell "Snellina" u l-prezz tiegħu huwa ta' €2,500 eskluż taxxa (jew €2,950 b'kollox). L-intimat isostni iżda, illi l-prezz finali kellu jkun ta' €2,650 inkluż it-taxxa u installazzjoni (fn. 7 kif rajna, l-istallazzjoni ma saritx mis-soċjetà rikorrenti u ma ntalbet ebda ħlas għall-ispejjeż tal-istallazzjoni), għaliex il-mudell li ġie konsenjat lilu huwa l-mudell "Snella", li huwa ftit inferjuri għall-mudell "Snellina". In sostenn ta' din l-allegazzjoni, l-intimat esebixxa skambju ta' korrispondenza elettronika bejnu u bejn Joe Diacono (fn. 8 Dok. X, fol. 46 et seq), l-impjegat tas-soċjetà rikorrenti li kien innegozja direttament mal-intimat dwar il-bejgħ u fornitura tal-istove.*

*Madanakollu, il-Qorti tosserva illi imkien f'din il-korrispondenza ma sar aċċenn għall-isem tal-mudell "Snella" jew "Snellina" iżda r-referenza hija għall-mudell "R 70". Huwa minnu illi l-prezz tal-istove kif ikkwotat f'dan l-iskambju ta' korrispondenza huwa ferm inqas minn dak li effettivament qed jintalab mis-soċjetà rikorrenti fil-fattura tal-5 ta' Jannar, 2015 (fn. 9 Fol. 13) u f'din il-kawża. Iżda, il-Qorti tqis illi ma ġiex muri b'mod sodisfaċenti illi l-mudell "R 7" huwa effettivament l-istess mudell "Snellina" li hija indikata fil-fattura. Anzi, dan huwa eskluż mill-provi meta fix-xhieda tiegħu, Joe Diacono fisser illi l-prezz ta' €1,600 kwotat fl-iskambju ta' e-mails Dok. X (fn. 10 fol. 46 et seq), liema prezz kellu jinkludi l-ispejjeż tal-istallazzjoni, huwa l-prezz:-*

"... for The R seventy. R seventy ma kienx il-*furnace* li ħa Cleaven ... R seventy huwa wieħed mill-furnaces l-irħas li għandna u kont għidtlu ... Fuq l-R seventy hemm iva l-installation intihielek free." *(fn. 11 xhieda tat-18 ta' Ġunju, 2019)*

*Ix-xhud spjega wkoll illi mal-istove li eventwalment xtara l-intimat, is-soċjetà rikorrenti ma għamlitx l-istess offerta ċioe li s-servizz tal-istallazzjoni isir b'xejn, iżda l-ftehim kien illi l-istallazzjoni ssir "*at a cost, in our good time. Mhux mil-lum għal għada kif ried hu." *Fil-fatt, jirriżulta illi s-soċjetà rikorrenti kienet irrifjutat illi tipprovdi*

*s-servizz ta' istallazzjoni hija stess, proprju għaliex l-intimat, oltre li biddel is-sistema ta' istallazzjoni tal-pipes, ried illi l-istallazzjoni tal-istove issir minnufih.*

*Il-Qorti tosserva illi minkejja li l-intimat isostni li huwa ftiehem mas-soċjetà rikorrenti illi l-prezz tal-istove li kellu jiġi konsenjat lilu, kien ta' €2,650 inkluż taxxa u inkluż ukoll il-prezz ta' katusi u istallazzjoni fis-somma ta' €350, huwa ma ressaqx prova konvinċenti dwar dan l-allegat ftehim. F'kull każ, din l-allegazzjoni mhijiex sostanzjata mill-iskambju ta' korrispondenza esebit mill-intimat innifsu, għaliex il-prezz tal-mudell li jissemma fl-iskambju tal-emails esebit in atti, ġie indikat bħala €1,600 (għall-mudell R 70). Dan il-prezz effettivament huwa ferm inqas mill-prezz li l-intimat jikkontendi li kien miftiehem għall-istove waħdu, għaliex jekk wieħed kellu jimxi skont il-kalkoli tal-intimat, jirriżulta illi l-prezz tal-istove li kellu jiġi konsenjat, kellu jkun ta' €2,300 bit-taxxa inkluża (fn. 12 jew €1,940 mingħajr taxxa) u mhux €1,600.*

*B'żieda ma' dan il-Qorti kienet tistenna illi jekk verament il-mudell ikkonsenjat lill-intimat ma kienx dak li ġie miftiehem li kellu jiġi konsenjat lilu, l-intimat kien jirrifjuta l-konsenja jew tal-anqas jgħarraf lis-soċjetà rikorrenti bl-iżball fil-mudell. Iżda ma jirriżultax illi l-intimat qatt ilmenta dwar dan mas-soċjetà rikorrenti, la meta saret il-konsenja (fn. 13 ara wkoll xhieda ta' Pierre Pulis, 21 ta' Ġunju, 2017) u lanqas sussegwentement, u dan kif ikkonferma wkoll Michael Meli Bugeja fix-xhieda tiegħu. Lanqas ix-xhud tal-intimat, Pierre Pulis li kien preżenti mal-intimat meta saru n-negozjati dwar ix-xiri tal-istove kif ukoll waqt l-istallazzjoni tal-istove, għamel xi aċċenn fix-xhieda tiegħu għal xi ilment dwar il-konsenja ta' stove differenti minn dik li xtara l-intimat.*

***<u>Kwantu għall-prezz ta' €598 għall-konsenja tal-katusi tal-istove</u>***, *kif mitlub fil-fattura, l-intimat jikkontendi illi skont il-korrispondenza skambjata mas-soċjetà rikorrenti, il-prezz tal-pipes (inkluż istallazzjoni) ġie indikat bħala €350 u konsegwentement ma għandux iħallas il-prezz mitlub fil-fattura.*

*Iżda l-Qorti tqis illi dan mhuwiex korrett. Mill-provi jirriżulta illi l-lok u l-metodu tal-istallazzjoni tal-istove u l-katusi ma kinux dawk li kienu ġew oriġinarjament rakkomandati mis-soċjetà rikorrenti (fn. 14 ara xhieda ta' Joe Diacono, 27 ta' Jannar, 2016. Mhux kontradett mill-intimat), bil-konsegwenza illi s-soċjetà rikorrenti ma pprovdietx dan is-servizz, anke għaliex l-intimat ried li l-istallazzjoni ssir minnufih. Effettivament, mix-xhieda (fn. 15 xhieda ta' Michael Meli Bugeja, 8 ta' Novembru, 2018 u Joe Diacono, 27 ta' Jannar, 2016) jirriżulta illi minn istallazzjoni sempliċi bil-katusa toħroġ direttament minn wara l-istove għal barra, l-istallazzjoni li eventwalment għażel l-intimat kienet tinvolvi l-qsim tas-saqaf biex jgħaddu l-katusi tal-istove għal fuq il-bejt. L-intimat ma jiċħadx illi l-katusi ma ġewx istallati biex jagħtu ħruġ direttament mill-istove għal barra u fi kwalunkwe każ, il-fatt illi l-konsenja tal-*

*katusi saret proprju biex dawn jgħaddu mis-soqfa, jirriżulta ċar mir-ritratti formanti parti mir-rapport tal-Perit Mark Arrigo. (fn. 16 fol. 64 u 65).*

*Mill-korrispondenza esebita jirriżulta illi l-prezz tal-katusi kellu jvarja skont liema waħda minn dawn iż-żewġ sistemi ta' istallazzjoni tintgħażel, tant illi huwa indikat illi għal ħruġ dirett minn wara l-istove, il-prezz tal-katusi kellu jkun ta' €350, filwaqt illi għal ħruġ fuq il-bejt, il-prezz kellu jiżdied għal €650. Il-prezz mitlub fil-fattura għall-katusi (pipes) huwa ta' €598 eskluż taxxa, jew ta' €705.64 inkluż taxxa, liema prezz jikkombaċċja tajjeb ma' dak li ġie kwotat mis-soċjetà rikorrenti fil-korrispondenza esebita mill-intimat innifsu. (fn. 17 ara fol. 47 u 48)*

***Dwar l-aċċessorji*** *konsistenti fil-pellets għall-istove, l-intimat jafferma huwa stess illi effettivament ġew ikkonsenjati lilu ħames xkejjer ta' pellets skont kif indikat fil-fattura. L-intimat jaqbel illi l-ħlas mitlub huwa dovut. (fn. 18 €30 più VAT)*

*Għall-kompletezza jiġi osservat ukoll illi għalkemm l-intimat jeċċepixxi illi s-soċjetà rikorrenti kellha wkoll tqis illi l-istove lilu konsenjat, jitlesta u jkun funzjonanti, ma tressqet l-ebda prova kwalsiasi illi l-istove ma jiffunzjonax jew ma jiffunzjonax tajjeb, u l-intimat fix-xhieda tiegħu imkien ma lmenta dwar il-mod kif jiffunzjona dan l-istove.*

*Minn dan kollu, il-Qorti tasal għall-konklużjoni illi l-prezz ta' €3,691.04 mitlub mis-soċjetà rikorrenti kwantu għall-bejgħ ta' stove "Snellina", pellets u katusi, huwa dovut mill-intimat u konsegwentement, l-ewwel u t-tielet eċċezzjoni tal-intimat, kif ukoll l-ewwel parti tat-tieni eċċezzjoni kif diretta fil-konfront tas-soċjetà rikorrenti, mhux tajbin u ser jiġu respinti.*

*Ikkunsidrat;*

*L-intimat jeċċepixxi ulterjorment illi x-xogħol ta' istallazzjoni tal-istove sar ħażin u b'mod traskurat u mhux skont is-sengħa u l-arti, bir-riżultat illi huwa sofra ħsara fil-proprjetà tiegħu. Huwa jitlob il-ħlas tad-danni minnu sofferti permezz ta' talba rikonvenzjonali li, wara li ġie msejjaħ fil-kawża Chris Grima, għandha titqies li hija diretta wkoll fil-konfront tal-istess kjamat fil-kawża.*

*Il-Qorti tibda billi tosserva illi mill-provi jirriżulta illi l-kjamat fil-kawża mhuwiex impjegat tas-soċjetà rikorrenti, iżda jaħdem magħha fuq bażi ta'* sub-contracting*. Jirriżulta wkoll illi fil-każ in diżamina, għad fuq rakkomandazzjoni tas-soċjetà rikorrenti, il-kjamat fil-kawża kien inkarigat direttament mill-intimat sabiex jagħmel ix-xogħol ta' istallazzjoni tal-istove. Kemm hu hekk, kif diġà stabbilit, in-negozjati dwar l-istallazzjoni kif ukoll dwar il-ħlas għal dan is-servizz (fn. 19 il-kjamat fil-kawża jsostni illi l-intimat baqa' qatt ma ħallsu għax-xogħol tal-istallazzjoni tal-istove), saru direttament bejn l-intimat u l-kjamat fil-kawża mingħajr ebda intervent tas-soċjetà*

*rikorrenti, ħlief kwantu għad-data tal-konsenja tal-istove fil-fond tal-intimat u l-konferma li din kienet tiffunzjona tajjeb wara l-istallazzjoni.*

***Għaldaqstant, il-Qorti hija sodisfatta li l-eżistenza ta' relazzjoni kontrattwali dwar l-istallazzjoni tal-istove hija ppruvata biss bejn l-intimat u l-kjamat fil-kawża.*** *Konsegwentement l-ebda pretensjoni tal-intimat naxxenti minn dik ir-relazzjoni ma tista' treġġi fil-konfront tas-soċjetà rikorrenti ġialdarba huwa ppruvat illi kienet għal kollox estranea għal dan ir-rapport kontrattwali partikolari. Dan ifisser ukoll illi l-pretensjoni tal-intimat għad-danni ma jistax ikollha suċċess kwantu hija diretta fil-konfront tas-soċjetà rikorrenti u jekk jirriżulta li l-intimat sofra d-danni bħala riżultat tal-istallazzjoni ħażina tal-istove, huwa l-kjamat fil-kawża li għandu jwieġeb għal dawn id-danni.*

*Ikkunsidrat;*

*L-intimat jeċċepixxi illi x-xogħol ta' istallazzjoni tal-istove ma sarx skont is-sengħa u l-arti u bħala riżultat ta' dan ix-xogħol difettuż, huwa sofra d-danni. Fit-talba rikonvenzjonali tiegħu, l-intimat jitlob il-ħlas tas-somma ta' €4,252.54 rappreżentanti l-valur tax-xogħlijiet ta' riparazzjoni li jeħtieġu jsiru, fost oħrajn, għat-tiswija tal-ħsara kkaġonata fil-fond tiegħu minħabba l-istallazzjoni ħażina tal-istove. Kif stabbilit, l-allegazzjoni tal-intimat illi x-xogħlijiet miftiehma bejn il-partijiet ma ġewx kompletati, baqgħet ma ġietx ippruvata.*

*Fix-xhieda tiegħu, il-kjamat fil-kawża jistqarr illi waqt li kien qed jistalla l-istove, waqalu l-iskalpell u dan laqat ix-xambrella tal-injam bil-konsegwenza li dan għamel marka fuq ix-xambrella. Xehed ukoll li waqt ix-xogħol, huwa barax maduma tal-art tal-fond tal-intimat, peress illi kien il-jigger li kienet ipprovdietlu s-soċjetà rikorrenti, weħel waqt li kien qed jaqta' bih.*

*Il-Qorti tosserva illi inizjalment, anke kif jirriżulta mir-Risposta tiegħu, il-pożizzjoni tal-kjamat fil-kawża kienet li l-ħsara li ġiet ikkaġunata waqt l-istallazzjoni saret minħabba li l-għodda li ġew provduti lilu mis-soċjetà rikorrenti kienu difettużi. Iżda apparti l-fatt illi ma jirriżultax mill-provi illi l-għodda kienu effettivament difettużi, wisq inqas li l-għodda li bihom ġiet ikkaġunata l-ħsara kienu lkoll jappartjenu lis-soċjetà rikorrenti, jidher li sussegwentement, il-kjamat fil-kawża abbanduna din il-linja difensjonali oriġinali tiegħu, meta xehed illi l-ħsara saret aċċidentalment.* ***Mix-xhieda tiegħu stess jirriżulta illi huwa jaċċetta r-responsabbilità għall-ħsara li saret fil-maduma tal-intimat u fix-xambrella tal-bieb.***

*Dan qed jingħad għaliex il-kjamat fil-kawża xehed minn jeddu u mingħajr ebda tlaqliq illi kwantu għall-ħsarat fil-madum, huwa kien dispost illi jikkumpensa lill-intimat sal-valur ta' mija u ħamsin Euro (€150) u rnexxielu jsib madum ġdid mill-istess konsenja.*

*Madanakollu, jgħid ukoll li għalkemm hu kien xtara kwantità minn dan il-madum u ddepożitah mas-soċjetà rikorrenti biex dan jinġabar mill-intimat, dan il-madum baqa' għand is-soċjetà rikorrenti. Imbagħad, kwantu għall-ħsara fix-xambrella tal-bieb, huwa xehed li offra li jieħu ħsieb iqabbad persuna oħra sabiex issewwi l-grif fix-xambrella, iżda l-intimat ma aċċettax din l-offerta.*

*Rigward il-madum, l-intimat isostni li huwa ma aċċettax li l-kjamat fil-kawża ibiddillu l-madum danneġġjat, għaliex il-kulur tas-samples tal-madum li urieh ma kienx jaqbel mal-kulur tal-madum li hemm istallat fil-fond tiegħu. L-intimat jgħid illi ġaladarba ma nstabx madum tal-istess kulur biex jirrimpjazza l-madum li fih il-ħsara, huwa jippretendi illi jinbidlu mhux biss il-ftit madumiet li effettivament fihom il-ħsara, iżda l-madum kollu fl-ewwel sular fejn effettivament jnsabu l-madumiet imkissrin, u dan sabiex il-madum tas-sular ikun kollu tal-istess kulur.*

*Mir-rapport u mix-xhieda tal-Perit Mark Arrigo, inkarigat mill-intimat, jirriżulta illi l-madum li effettivament ġarrab il-ħsara b'daqqiet fil-wiċċ, jinsab konċentrat madwar il-katusa tal-istove f'radius ta' ċirka metru u nofs, iżda l-istima li huwa għamel fis-somma ta' €3,503.85 (mingħajr VAT) tirrappreżenta l-ispejjeż meħtieġa inter alia għat-tneħħija, fornitura u tqegħid ta' madum ta' arja superfiċjali ta' 65 metri kwadri u skirting relattiv. Il-Perit Arrigo, fid-depożizzjoni tiegħu, fisser illi l-istima saret abbażi ta' arja superfiċjali ta' 65 metri kwadri ta' madum, proprju għaliex kien ġie infurmat mill-klijent tiegħu illi peress li ma jinbiegħx iktar madum identiku għal dak li għandu fil-fond tiegħu, irid li jiġi rimpjazzat il-madum tas-sular intier inkluż l-iskirting kollu.* ***Iżda fl-istess waqt, ix-xhud ikkonferma wkoll illi l-ħsara prinċipali, liema ħsara tikkonsisti f'daqqiet żgħar superfiċjali, tinsab fuq erba' jew ħames madumiet, kif del resto ġie affermat ukoll mill-intimat innifsu.*** *(fn. 20 ara kontro-eżami tal-intimat, fo. 80). Żied jgħid li jkun biżżejjed jekk jiġu rimpjazzati dawn il-madumiet biss, anke għaliex il-madumiet li fihom il-ħsara jistgħu jiġu rimpjazzati waħedhom mingħajr il-ħtieġa illi tinqala' l-art kollha tal-landing in kwistjoni, u f'tali każ, l-ispiża ma tiskorrix is-somma ta' tliet mitt Euro (€300) (fn. 21 Xhieda tas-27 ta' Settembru 2017).*

*Huwa inkontestat mill-intimat illi l-kjamat fil-kawża għamel diversi tentattivi sabiex isib madum li jaqbel eżatt fil-kulur tal-madum iddanneġġjat u li kien urih samples ta' madum mingħand diversi suppliers. Dawn ma ġewx aċċettati mill-intimat. Jidher, iżda, li eventwalment il-kjamat fil-kawża xtara xi madum u ddepożitah mas-soċjetà rikorrenti sabiex l-intimat jiġbru minn hemmhekk. Madanakollu, għalkemm ma jirriżultax jekk l-intimat kienx effettivament mar jara dak il-madum, dak li hu żgur huwa li dan il-madum baqa' qatt ma ġabru mingħand is-soċjetà rikorrenti.*

*Ikkunsidrat;*

*Mill-assjem tal-provi, kif ukoll mir-ritratti formanti parti mir-rapport tal-Perit Mark Arrigo, il-Qorti hija sodisfatta illi l-ħsara li ġarrab il-madum waqt l-istallazzjoni tal-*flue *tal-istove, hija minima u superfiċjali, konsistenti f'daqqiet ossia* chippings *żgħar. Madanakollu, filwaqt li mill-provi (fn. 22 xhieda tal-Perit Arrigo u ritratti a fol. 64 u 65) jirriżulta illi m'hemmx aktar minn ħames madumiet li fihom dawn id-daqqiet żgħar, hija sodisfatta illi r-rimedju opportun għandu jikkonsisti fir-rimpjazzament tal-madumiet individwali li ġew milqutin.*

*Fl-istess waqt, ma jirriżultax mill-provi li l-madum in kwistjoni huwa xi madum speċjali u l-Qorti hija tal-fehma li dan huwa madum komuni ta' qies regolari (60cm x 60cm) u tat-tip gres, li mill-provi jirriżulta li jinxtara għal prezz medju ta' €18 kull metru kwadru. Mir-ritratti esebiti, il-kulur ukoll jidher li huwa wieħed komuni kif ukoll uniformi.*

*Fil-kwadru ta' dan kollu, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi filwaqt li jirriżulta li l-kjamat fil-kawża għamel ħiltu kollha biex isewwi l-ħsara li kkaġuna fil-fond tal-intimat, inkluż billi jfittex madum ta' kulur aċċettabbli għall-intimat, ftit li xejn kien hemm ko-operazzjoni mill-intimat biex jimmitiga d-danni minnu sofferti. Kemm hu hekk, ma jirriżultax li l-intimat ħa l-interess imqar li jivverifika jekk il-madum depożitat għand is-soċjetà rikorrenti kienx jaqbel mal-madum tal-fond tiegħu. Effettivament, l-intimat, anke rinfaċċjat bix-xhieda ta' Michael Meli Bugeja u tal-kjamat fil-kawża nnifsu, imkien waqt ix-xhieda tiegħu ma qal li huwa ma kienx infurmat dwar il-madum depożitat mas-soċjetà rikorrenti jew li mar jara dan il-madum iżda ma kienx jaqbel.*

*Il-Qorti, f'dan l-isfond hija tal-fehma illi l-intimat bħala d-danneġġjat f'dan il-każ, kellu l-obbligu li jagħmel dak li raġonevolment kien meħtieġ biex jimminimizza d-danni li llum qed jirreklama mingħand il-kjamat fil-kawża.*

*Fir-rigward tal-obbligu tad-danneġġjat li jimminimizza d-danni, huma applikabbli s-segwenti prinċipji esposti fis-sentenza fl-ismijiet* ***Percius Car Hire Limited v. Richard Schembri,*** *fejn ġie osservat hekk:-*

*"*Huwa minnu li di regola d-danneġġjat għandu d-dover li jagħmel dak kollu li hu raġjonevoli biex inaqqas il-ħsara konsegwenti għall-fatt illeċitu [Vol. XL.II.653] b'mod li jiġi eskluż fil-każijiet kongruwi, mir-risarċiment ta' dik il-parti tad-danni dovuta għan-nuqqas tiegħu li jieħu dawk il-passi. Jibqa' però dejjem il-fatt illi huwa ma huwiex obbligat jitgħabba b'piżijiet biex inaqqas il-ħsara [Vol. XXXVIII.I.249]."

*Dan il-prinċipju jinsab enunċjat fit-termini segwenti fil-Halsbury ċitat mill-Qorti tal-Appell [Inf.] Fis-sentenza fl-ismijiet* ***John Xuereb v. James Edward Livick et*** *(fn. 23 deċiża 3 ta' Novembru, 1956):-*

"It is the duty of the plaintiff to take all reasonable steps to mitigate the loss he has sustained consequent upon the wrongful act in respect of which he sues; and **he cannot claim as damages any sum which is due to his own neglect**, but he is under no obligation to injure his character, his business or his property to reduce the damage payable by the wrong doer." *[enfasi ta'din il-Qorti]*

*Imbagħad;*

"Il-kwistjoni ta' x'inhu raġonevoli li jagħmel id-danneġġjat biex jimmitiga l-ħsara hi kwistjoni ta' fatt li għandha tiġi konsiderata fiċ-ċirkostanzi ta' kull każ partikolari, u l-oneru tal-prova f'dan ir-rigward speċifiku jaqa' fuq l-intimat." (*fn. 24 Appell Ċivili: **Joseph Aquilina v. Emmanuele Schembri,** deċiża fl-24 ta' Jannar, 1969).*

*In propositu ukoll, il-Qorti tirrileva li, hu prinċipju stabbilit li in tema ta' kumpensazzjoni ta' danni, id-danneġġjat għandu kemm jista' jkun jiġi mqiegħed fil-pożizzjoni li hu kien ikollu kieku ma ġietx ikkaġunata l-ħsara. (fn. 25 Appell Ċivili: **John Tufigno v. Joseph Micallef noe**, deċiża fis-26 ta' Novembru, 1954).*

*Ikkunsidrat;*

*F'dan il-kwadru ta' fatti, il-Qorti tqis illi l-intimat falla fl-obbligu tiegħu li jimminimizza d-danni u dan meta ma ressaqx prova konvinċenti – liema prova kienet meħtieġa fiċ-ċirkostanzi – illi ma hemmx alternattiva oħra ħlief illi jirrimpjazza l-madum kollu tal-area fejn jinsabu mqiegħda l-madumiet iddanneġġjati. Fil-fehma tal-Qorti, kien raġonevolment mistenni illi l-intimat iressaq prova tajba li l-madum in kwistjoni – li wara kollox jirriżulta li huwa madum ordinarju u komuni – ma għadux jinbiegħ fl-istess kulur jew ma għadux jiġi manifatturat jew li jkollu jidħol fi spejjeż ulterjuri biex jakkwista madum identiku. Din il-konklużjoni hija rinforzata ulterjorment bin-nuqqas tal-intimat illi jikkuntrasta x-xhieda tal-kjamat fil-kawża (fn. 26 ara wkoll ix-xhieda ta' Michael Meli Bugeja tat-8 ta' Novembru, 2018) illi l-madum li ġie finalment akkwistat u depożitat mas-soċjetà rikorrenti kien tal-istess konsenja bħall-madum tal-fond tiegħu. Kif diġà ġie osservat, l-intimat naqas milli addirittura juri l-interess biex jivverifika jekk wara kollox, dan il-madum kienx aċċettabbli.*

*Għaldaqstant, il-Qorti ma tistax taċċetta li hija ġustifikata l-pretensjoni tal-intimat illi għandha tiġi rimpjazzata area superfiċjali ta' 65 metri kwadri ta' madum, ċioe l-*landing *sħiħ, minflok dawk il-madumiet individwali li ġew attwalment iddanneġġjati. Is-somma komplessiva ta' €3,903.85 (mingħajr VAT) (fn. 27 stima konċernanti l-madum, mhux inkluż l-istima dwar il-ħsara fil-bieb) stabbilita fir-rapport tal-Perit Mark Arrigo kwantu r-riparazzjoni tal-ħsara fil-madum, ċertament ma tirrappreżentax it-telf riżarċibbli jew id-danni attwalment sofferti mill-intimat li għandu jagħmel tajjeb għalihom il-kjamat fi-kawża.*

*Kif ġià stabbilit, jirriżulta illi huma biss ħamsa jew sitta l-madumiet li ġarrbu l-ħsara u konsegwentement, applikata l-opinjoni esperta ex parte tal-Perit Mark Arrigo dwar il-valur tal-materjal u xogħol meħtieġ għar-rimpjazzament ta' dawn l-istess madumiet, il-Qorti qiegħda tikkwantifika d-danni riżarċibbli lill-intimat kwantu għall-ħsara fil-madum, fis-somma ta' €354. (fn. 28 xhieda tal-Perit Mark Arrigo, 27 ta' Settembru, 2017)*

*Ikkunsidrat;*

*B'żieda ma' dan, huwa dovut ukoll lill-intimat ammont ulterjuri rappreżentanti l-ispejjeż tat-tiswija tal-ħsara kkaġunata fix-xambrella tal-injam fil-fond tal-intimat, liema spejjeż ġew kwantifikati fir-rapport tal-Perit Mark Arrigo fis-somma ta' €100 (mingħajr VAT). Billi din l-istima ma jidhirx li ġiet kuntrastata, il-Qorti sejra tadottaha u tikkwantifika l-ispejjeż tat-tiswija tal-ħsara kkaġunata fix-xambrella tal-bieb tal-intimat, fis-somma ta' €118.00.*

*Għaldaqstant id-danni riżarċibbli li għandu jagħmel tajjeb għalihom il-kjamat fil-kawża, qed jiġu kwantifikati fis-somma komplessiva ta' erba' mija u tnejn u sebgħin euro (€472).*

*Minn dan kollu jsegwi illi filwaqt illi t-talba rikonvenzjonali tal-intimat jirriżulta li hija mistħoqqa u sejra tintlaqa' fil-konfront limitatament tal-kjamat fil-kawża, hija fondata wkoll ir-Risposta tas-soċjetà rikorrenti għat-talba rikonvenzjonali tal-kovnenut, kif ukoll it-tielet eċċezzjoni fir-Risposta tal-kjamat fil-kawża.*

***<u>Decide</u>***

***Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:-***

***Kwantu għat-talba prinċipali, filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimat u tal-kjamat fil-kawża kwantu diretti fil-konfront tas-soċjetà rikorrenti, tilqa' t-talba tal-istess soċjetà rikorrenti u tikkundanna lill-intimat Cleaven Ray Mizzi jħallasha s-somma ta' tlett elef, sitt mija u wieħed u disgħin euro u erba' ċenteżmi (€3,691.04) rappreżentanti prezz ta'* **pellet stove** *u l-aċċessorji relattivi mibjugħa u kkonsenjati lill-istess intimat, bl-ispejjeż kif mitluba u bl-imgħax mis-17 ta' Ġunju, 2015.***

***Kwantu għat-talba rikonvenzjonali tal-intimat Cleaven Ray Mizzi, tiċħadha in toto kwantu diretta fil-konfront tas-soċjetà rikorrenti iżda tilqagħha limitatament fil-konfront tal-kjamat fil-kawża, u filwaqt li tilqa' t-tielet eċċezzjoni tal-kjamat fil-kawża Chris Grima u tiċħad il-bqija tal-eċċezzjonijiet minnu sollevati safejn mhumiex kompatibbli ma' dak hawn deċiż, tikkundanna lill-istess kjamat fil-kawża Chris Grima sabiex iħallas lill-intimat is-somma komplessiva ta' erba' mija u tnejn u***

> ***sebgħin Euro (€472.00), bl-imgħax mit-18 ta' Marzu, 2016 ossia d-data tan-notifika tal-istess kjamat fil-kawża bl-atti tal-kawża.***
>
> ***L-ispejjeż tat-talba prinċipali jitħallsu kollha mill-intimat Cleaven-Ray Mizzi, filwaqt illi l-ispejjeż tal-kontro-talba jitħallsu kwantu għal terz (1/3) mill-kjamat fil-kawża u kwantu għal żewġ terzi (2/3) mill-intimat."***

## L-Appell

14. L-intimat ressaq appell minn din id-deċiżjoni fis-16 ta' Diċembru, 2020, fejn talab lil din il-Qorti sabiex kwantu għat-talba prinċipali, tilqa' l-eċċezzjonijiet tiegħu u b'hekk tirrespinġi l-pretensjonijiet tas-soċjetà rikorrenti, filwaqt li kwantu għat-talba rikonvenzjonali l-intimat talab lil din il-Qorti tilqa' t-talbiet imressqa minnu, u b'hekk tiċħad l-eċċezzjonijiet imressqa mis-soċjetà rikorrenti u mill-kjamat fil-kawża.

15. L-intimat spjega li l-kontestazzjoni bejn il-partijiet hija dwar min kien responsabbli għall-installazzjoni tal-i*stove* u dan għaliex filwaqt li l-intimat qiegħed jinsisti li l-ftehim tiegħu mas-soċjetà rikorrenti kien li huwa jixtri l-i*stove* bl-installazzjoni inkluża, is-soċjetà rikorrenti ssostni l-installazzjoni saret mill-kjamat fil-kawża personalment u hija ma kellhiex x'taqsam f'dan ir-rigward. Qal ukoll li bejn il-partijiet hemm nuqqas ta' qbil dwar jekk l-intimat ġarrabx danni sofferti meta saret l-installazzjoni, kif ukoll hemm nuqqas ta' qbil dwar jekk l-i*stove* ġarbitx xi ħsarat waqt li kienet qegħda tinġarr. L-intimat qal li l-Ewwel Qorti naqset milli tikkonsidra l-provi miġjuba dwar jekk il-ftehim bejn il-partijiet kienx jinkludi l-installazzjoni jew le; dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju li d-dannaġġjat għandu l-obbligu jimminimizza d-danni; dwar min għandu jħallas l-ispejjeż tal-kawża; u dwar il-kwistjoni tal-imgħax b'effett mis-17 ta' Ġunju, 2015.

16. L-intimat qal li f'paġni 7 u 8 tas-sentenza tagħha, l-Ewwel Qorti tiskarta għal kollox il-provi prodotti minnu, u toqgħod biss fuq dak li ngħad mis-soċjetà rikorrenti. L-intimat spjega li l-Ewwel Qorti naqset milli tagħmel riferiment għal *email* partikolari li tinsab *a fol.* 49 tal-proċess, minn fejn għandu jirriżulta li minkejja li kien hemm tibdil fil-mudell tal-i*stove* ordnat minn wieħed Olivia jew Snella, il-ftehim xorta waħda baqa' li "*pipes inc installation calculate approx €350".* L-intimat qal li l-installazzjoni dejjem kienet parti mill-prezz irrispettivament mill-mudell, u dan ġie kkonfermat minn Pierre Pulis fix-xhieda tiegħu. L-intimat qal li anki Michael Meli Bugeja, fix-xhieda tiegħu qal li s-soċjetà rikorrenti bagħtet rappreżentant tal-*insurance* biex tara jekk hija kellhiex twieġeb għall-ħsarat, u l-intimat staqsa għal liema raġuni ntbagħat ir-rappreżentant tal-assigurazzjoni jekk huwa minnu li s-soċjetà rikorrenti ma kellha x'taqsam xejn mal-istallazzjoni. L-intimat qal li anki l-kjamat fil-kawża Chris Grima xehed li x-xogħlijiet imwettqa minnu saru b'għodda li ngħatatlu mis-soċjetà rikorrenti stess, u dan l-istess xhud ikkonferma li huwa *sub-contractor* tas-soċjetà rikorrenti. L-intimat qal li huwa ħassu aggravat li l-Ewwel Qorti skartat dawn il-provi u qieset biss il-verżjoni tas-soċjetà rikorrenti, meta din min-naħa tagħha ppreżentat biss kopja ta' *invoice.* L-intimat qal li waħda mill-*emails* tgħid ukoll "*... we cannot give you the same prices as Italy, what we can do is give you installation costs with our compliments as a sign of goodwill."* L-intimat qal li l-Ewwel Qorti injorat għal kollox il-fatt li fuq l-i*stove* kien hemm daqqa kkaġunata waqt il-ġarr, u li Pierre Pulis xehed li l-kjamat fil-kawża kien gerger miegħu għax ittieħed il-kartun li soltu jintuża minnu waqt l-istallazzjoni. L-intimat qal li l-Ewwel Qorti naqset milli tirrikonoxxi din il-ħsara, u naqset ukoll li tillikwida l-ħsara kkaġunata mis-soċjetà rikorrenti.

17. L-intimat qal li huwa ħassu aggravat ukoll għaliex l-Ewwel Qorti ma kinitx korretta fejn applikat il-prinċipju li l-intimat kellu l-obbligu li jimminimizza d-danni. Qal li mix-xhieda tal-Perit Mark Arrigo rriżulta li x-xogħol ma sarx skont is-sengħa u l-arti stante li ma ntużatx l-għodda idonea għax-xogħol involut. L-intimat staqsa b'liema mod huwa seta' jimminimizza d-danni fil-madum u fix-xambrella, meta l-kjamat fil-kawża stess xehed li huwa kien dam ifittex madwar xahar sabiex jara jsibx madum li jkun jaqbel. Qal li min-naħa tiegħu pprova jagħmel ir-riparazzjonijiet huwa stess, iżda dan ma kienx possibbli għaliex ma sabx madum li jaqbel. L-intimat qal li l-*quantum* tad-danni ordnat mill-Qorti biex jitħallas lilu, ma jagħmilx ġustizzja għall-ħsarat sofferti minnu, ladarba ma kienx hemm alternattiva kif jiġu minimizzati d-danni, u ma kienx hemm mod kif jinbidlu biss il-madumiet miksura.

18. L-intimat żied jgħid li huwa inġust li huwa jiġi kkundannat iħallas l-ispejjeż, meta huwa kien il-parti li sofriet id-danni, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ huwa m'għandux jinżamm responsabbli għal. Qal li ll-ispejjes. Il-Qorti għandha tqis iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ meta tiddeċiedi dwar il-kap tal-ispejjeż, u qal ukoll li bid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti huwa qiegħed jitqies li kien tellief minkejja li kien hu li ġarrab il-ħsara intortament.

19. L-intimat temm jgħid li mill-atti għandu jirriżulta ċar li s-*sorte* huwa ammont *da liquidarsi* u mhux definit, u dan meta wieħed iqis id-danni reklamati mill-intimat, u qal li għalhekk il-Qorti hija żbaljata meta takkorda l-imgħax b'mod retroattiv, ladarba t-talbiet tiegħu huma altru milli ġustifikati u jimpinġu fuq l-ammont reklamat mis-soċjetà rikorrenti. L-intimat qal li l-imgħax għandu jibda

jiddekorri minn meta s-sorte huwa ċert, likwidu u dovut, u jekk stess m'għandux jiġi akkordat xi imgħax b'mod retroattiv.

**Ir-Risposta tal-Appell**

20. Is-soċjetà rikorrenti fir-risposta tagħha qalet li l-ewwel aggravju tal-intimat huwa essenzjalment aggravju dwar l-apprezzament tal-provi li sar mill-Ewwel Qorti. Qalet li Qorti tat-tieni grad m'għandhiex tiddisturba l-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-Ewwel Qorti, u l-ġurisprudenza tgħallem, f'dan ir-rigward illi l-ġudikant għandu poter diskrezzjonali ampju sabiex iqis il-provi li għandhom jiffurmaw il-konvinċiment tiegħu, skont liema fil-fehma tiegħu huma l-aktar attendibbli u idoneji. Is-soċjetà rikorrenti qalet li ma teżisti l-ebda raġuni serja għalfejn din il-Qorti għandha tiddisturba l-apprezzament tal-provi li sar mill-Ewwel Qorti. Qalet ukoll li l-ewwel aggravju tal-intimat huwa bbażat fuq il-fehma tiegħu li l-Ewwel Qorti skartat l-*email* li tinsab *a fol.* 49 tal-proċess, u skont l-intimat din kellha tkun il-prova kruċjali li l-istallazzjoni tal-i*stove* kellha tkun inkluża fil-prezz. L-intimat saħaq ukoll li l-Ewwel Qorti skartat ix-xhieda ta' Pierre Pulis dwar dan il-punt. Is-soċjetà rikorrenti qalet li kemm l-*email* li għamel riferiment għaliha l-intimat, kif ukoll ix-xhieda ta' Pierre Pulis, it-tnejn jitkellmu dwar *stove* differenti minn dik li ġiet akkwistata mill-intimat. Żiedet tgħid li dwar dan il-punt hemm ix-xhieda ta' Michael Meli Bugeja, Joe Diacono u Chris Grima, li lkoll ikkonfermaw li l-istallazzjoni ma kinitx inkluża fil-prezz għal diversi raġunijiet, inkluż il-fatt li l-offerta fl-*email a fol.* 49 kienet tirreferi għal *stove* għal kollox differenti. L-intimat Cleaven Mizzi ried jagħmel installazzjoni taċ-ċumnija mhux normali, fis-sens li dan ried li ċ-ċumnija tgħaddi

mis-soqfa interni u mhux minn barra. L-intimat ried li l-installazzjoni ssir fi żmien 24 siegħa stante li kien ser isiefer. Is-soċjetà rikorrenti qalet li l-kjamat fil-kawża, Chris Grima, ikkonferma diversi drabi li dwar l-installazzjoni tal-i*stove* il-ftehim kien sar direttament bejnu u Cleaven-Ray Mizzi, u s-soċjetà rikorrenti ma kellha x'taqsam xejn ma' dan, għajr li introduċiet lil Chris Grima mal-intimat sabiex dawn jiftiehmu dwar l-installazzjoni. Is-soċjetà rikorrenti qalet illi li kieku huwa minnu li l-intimat kien qiegħed jippretendi li s-soċjetà rikorrenti tagħmel l-installazzjoni għas-spejjeż tagħha, l-intimat ma kienx imur jiftiehem ma' Chris Grima dwar il-prezz tal-installazzjoni u jobbliga ruħhu li jħallsu tagħha. Qalet li bix-xhieda tiegħu l-kjamat fil-kawża assuma r-responsabbilità kollha għall-akkadut, u dan meta kkonferma li huwa kien intraprenditur indipendenti mis-soċjetà rikorrenti u li x-xogħol ta' installazzjoni tal-intimat kien ġie miftiehem direttament bejn l-intimat u Grima. Is-soċjetà rikorrenti qalet li għalhekk għandu jingħata valur probatorju kbir lil dak li ntqal minn Chris Grima, li bid-deposizzjoni tiegħu assuma r-responsabbilità waħdu għall-akkadut.

21. Is-soċjetà rikorrenti għamlet riferiment għall-parti tal-aggravju tal-intimat fejn dan qal li s-soċjetà rikorrenti kienet involviet lis-soċjetà assikuratriċi tagħha, u qalet li kull negozjant responsabbli jinforma lill-assikurazzjoni tiegħu b'kull *claim* li tiġi vantata, u dan m'għandux jiġi interpretat bħala ammissjoni ta' responsabbilità da parti tas-soċjetà rikorrenti.

22. Is-soċjetà rikorrenti għamlet riferiment għas-sottomissjoni tal-intimat li ladarba l-għodda li ntużat minn Chris Grima ġiet mislufa lilu minnha, dan ifisser li l-installazzjoni għamlitha s-soċjetà rikorrenti. Qalet ukoll li diġà ġie spjegat li l-installazzjoni li ried jagħmel l-intimat ma kinitx waħda normali, bil-konsegwenza

li l-kjamat fil-kawża kellu bżonn għodda partikolari u talab lis-soċjetà rikorrenti tisilfu l-għodda, iżda dan m'għandux ifisser li l-installazzjoni saret minnha. Żiedet tgħid li fil-fatt Chris Grima nnifsu xehed diversi drabi li s-soċjetà rikorrenti ma kellha x'taqsam xejn mal-installazzjoni, u li dan kien forma ta' appalt miftiehem direttament bejn l-intimat u Chris Grima. Is-soċjetà rikorrenti qalet li l-*email* li tgħid li l-installazzjoni kienet inkluża fil-prezz u li hija kienet ser tkun responsabbli għall-installazzjoni, kienet qiegħda tirreferi għal *stove* għal kollox differenti minn dik li xtara l-intimat. Is-soċjetà rikorrenti għamlet riferiment ukoll għall-asserzjoni tal-intimat li l-i*stove* ikkonsenjata lilu kienet difettuża, u qalet li dwar din il-ħsara ma nġabet l-ebda prova, lanqas fotografika, u dan huwa nuqqas tal-intimat stess u mhux tagħha. Is-soċjetà rikorrenti qalet li jekk l-intimat kien konsapevoli li kien hemm din l-għafsa żgħira fl-i*stove* ikkonsenjat lilu, dan seta' jirrifjuta li jaċċetta l-konsenja u jibagħat l-i*stove* lura, jew inkella jaċċettaha, kif fil-fatt għamel. Is-soċjetà rikorrenti qalet li għafsa fl-i*stove* hija forma ta' difett viżibbli fil-prodott, u għalkemm hija qiegħda tikkontesta dan il-fatt, għandu jirriżulta li l-intimat aċċetta l-prodott bid-difett fih.

23. B'riferiment għat-tieni aggravju tal-intimat, is-soċjetà rikorrenti qalet li hija rribattiet kull responsabbilità għad-danni allegatament sofferti mill-intimat, u dan għaliex hija ma kellha l-ebda responsabbilità għall-installazzjoni tal-i*stove,* u wisq anqas għal xi danni li setgħu rriżultaw mill-installazzjoni. Is-soċjetà rikorrenti għamlet riferiment għall-ħsara allegata fil-madum, konsistenti fi ftit *chippings* fi tliet madumiet ħdejn it-toqba li saret sabiex tkun tista' tgħaddi ċ-ċumnija tal-i*stove.* Qalet li l-Perit inkarigat mill-intimat, ikkonferma li huwa kien

għamel stima biex jinbidel il-madum kollu fuq talba tal-intimat, u dan minkejja li huwa kien tal-opinjoni li dawn it-tliet madumiet setgħu jinbidlu faċilment.

24. Is-soċjetà rikorrenti qalet li minkejja li mill-provi jirriżulta li l-ħsara kienet ikkonċentrata f'żona żgħira ħafna, l-intimat insista li l-madum kollu kellu jinbidel, u dan bi spiża konsiderevoli. Qalet li l-madum in kwistjoni kien magħmul minn ċeramika komuni li faċilment wieħed isib bħalha fis-suq. Mill-provi jirriżulta wkoll li l-kjamat fil-kawża għamel l-almu tiegħu biex isib madum eżatt bħal dak li kellu l-intimat, iżda kien l-intimat li naqas li jaċċetta l-konsenja tal-madum, u sostna li dan il-madum ma kienx jaqbel. Is-soċjetà rikorrenti qalet li l-intimat insista li kellu jinbidel il-madum kollu tal-pjan u mhux biss it-tliet madumiet affettwati, u dan mingħajr ma ġab prova li kien hemm il-ħtieġa li jinbidel il-madum kollu. Is-soċjetà rikorrenti qalet li l-intimat naqas li jipprova li ma kien hemm ebda alternattiva oħra għajr dik li jinbidel il-madum kollu. Spjegat li minkejja li l-kjamat fil-kawża pprova li huwa kien sab madum li jaqbel, u li huwa kien dispost li jbiddel il-madum danneġġjat, għandu jirriżulta wkoll li kien l-intimat li ma tax opportunità lill-kjamat fil-kawża jirrimedja l-ħsara kkaġunata, u li baqa' jinsisti li għandu jinbidel il-madum kollu. Is-soċjetà rikorrenti qalet li għalhekk kienet ġusta d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti li llikwidat biss id-danni għall-parti danneġġjata u mhux għat-tibdil tal-madum kollu, inkluż dak li ma kienx danneġġjat, u li kieku ma sarx hekk kienet sejra ssir inġustizzja mal-kjamat fil-kawża li kien jispiċċa jitgħabba b'piż finanzjarju mhux mistħoqq.

25. Is-soċjetà rikorrenti għamlet riferiment għat-tielet aggravju tal-intimat, fejn dan ilmenta mill-fatt li huwa ntalab iħallas parti sostanzjali mill-ispejjeż inġustament. Is-soċjetà rikorrenti qalet li l-proċeduri odjerni ġew inizjati minnha

sabiex titħallas dak dovut lilha rappreżentanti l-prezz tal-*istove* mixtri u kkonsenjat lill-intimat, liema prezz l-intimat qiegħed jirrifjuta li jħallas. Is-soċjetà rikorrenti qalet li l-intimat ma kellu ebda raġuni valida għalfejn jirrifjuta li jħallas l-imsemmi prezz, u huwa għalhekk li l-Ewwel Qorti laqgħet it-talbiet tagħha u kkundannat lill-intimat iħallas l-imsemmi prezz u l-ispejjeż marbuta mat-talba prinċipali u terz mill-ispejjeż tal-kontro-talba. Is-soċjetà rikorrenti qalet li f'din il-kawża hemm tliet partijiet, u għalhekk ladarba ġie deċiż li l-kontro-talba m'għandhiex tiġi milqugħha fil-konfront tas-soċjetà rikorrenti, il-Qorti ordnat lill-intimat iħallas terz tal-ispejjeż tal-kontro-talba.

26. Is-soċjetà rikorrenti għamlet riferiment ukoll għar-raba' aggravju tal-intimat, fejn l-intimat qiegħed jilmenta għaliex huwa ġie kkundannat iħallas l-imgħax fuq is-sorte b'mod retroattiv, u dan għaliex skont l-intimat is-sorte kien ammont *da liquidarsi* u mhux ammont definit, u għalhekk l-imgħax kellu jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza. Is-soċjetà rikorrenti qalet li t-talba tagħha kienet sabiex l-intimat jiġi kkundannat iħallas ammont li kien likwidat (€3,691.04), u dan l-ammont jirrappreżenta l-prezz tal-i*stove* in kwistjoni. Qalet li għalhekk huwa ben evidenti li mid-data tal-preżentata tal-avviż promutur, is-sorte tal-kawża mressqa mis-soċjetà rikorrenti kien stipulat fl-avviż promutur u debitament likwidat, kuntrarjament għal dak sottomess mill-intimat. Is-soċjetà rikorrenti qalet li l-avviż promutur ġie ppreżentat fis-17 ta' Ġunju, 2015, u għalhekk kienet korretta l-Ewwel Qorti meta kkundannat lill-intimat iħallas l-imgħax mid-data tal-preżentata tal-avviż promutur.

**L-Appell Inċidentali tal-kjamat fil-kawża**

27. Il-kjamat fil-kawża ressaq ukoll l-appell inċidentali tiegħu mis-sentenza. Qal li huwa ħassu aggravat b'dik il-parti tas-sentenza li sabet li huwa responsabbli għall-allegati ħsarat li saru waqt l-istallazzjoni, fil-madum ta' madwar il-*pellet stove* u fix-xambrella. Qal li tenut kont id-daqs u l-kwalità tal-ħsara allegatament ikkaġunata u l-valur tagħha, l-Ewwel Qorti messha applikat il-massima legali *de minimis non curat pretor,* u lliberatu mill-osservanza tal-ġudizzju. Qal ukoll li fil-fehma tiegħu ma tressqux biżżejjed provi sal-grad rikjest mil-liġi, sabiex jikkonvinċu li l-ħsara li allegatament saret, kienet kaġun ta' xi att jew omissjoni tiegħu. Il-kjamat fil-kawża qal ukoll li mill-atti jirriżulta li l-intimat naqas milli jieħu l-miżuri preventivi neċessarji sabiex jipproteġi l-madum u x-xambrella minn xi ħsarat li setgħu isiru waqt ix-xogħlijiet, kif inhu mistenni minn *bonus paterfamilias* u minn sid ta' fond fejn ikunu qegħdin isiru xogħlijiet. Il-kjamat fil-kawża qal li għandu jirriżulta wkoll li min inkarigah biex jagħmel din il-biċċa xogħol naqas milli jtih l-għodda u l-attrezzaturi meħtieġa sabiex huwa jkun jista' jaqdi l-inkarigu fdat lilu sal-livell ta' kwalità mistennija minnu.

28. Il-kjamat fil-kawża qal li huwa ħassu aggravat ukoll bil-parti tas-sentenza dwar il-*quantum* tad-danni, li ġew likwidati fl-ammont ta' €472 bl-imgħax fuqhom b'effett mit-18 ta' Marzu, 2016, jiġifieri mid-data tan-notifika tal-istess kjamat fil-kawża bl-atti tal-kawża. Il-kjamat fil-kawża qal li l-Ewwel Qorti kellha tieħu konsiderazzjoni tal-fatt li huwa ħa l-iżbriga li jfittex madum bħal dak li kellu d-danneġġjat, u li huwa għamel minn kollox sabiex id-danni jiġu minimizzati. Qal li l-Ewwel Qorti kellha tikkonsidra wkoll li kien l-intimat li ma riedx jaċċetta l-madum li huwa kien xtara, u għalhekk kellu jiġi stabbilit li l-intimat huwa

responsabbli, jew parzjalment responsabbli, għall-ħsara sofferta minnu stess. Il-kjamat fil-kawża qal li mill-atti għandu jirriżulta li l-intimat naqas milli jieħu miżuri protettivi sabiex jassigura li ma ssirx ħsara, bħal ma kien ikun ilqugħ protettiv biex jipproteġi l-madum. Il-kjamat fil-kawża qal ukoll li l-Ewwel Qorti naqset milli tonora l-prinċipju *in illiquidis non fit mora,* u l-kundanna għall-ħlas tal-imgħax kellha tkun mid-data tas-sentenza u mhux mid-data tan-notifika tal-avviż.

**Ir-Risposta tas-soċjetà rikorrenti għall-Appell Inċidentali**

29. Is-soċjetà rikorrenti wieġbet li l-aggravji sollevati mill-kjamat fil-kawża huma kollha msejsa fuq apprezzament tal-provi, u fakkret li din il-qorti ta' reviżjoni m'għandhiex tiddisturba l-apprezzament tal-provi li sar mill-Ewwel Qorti, jekk mhux verament għal motivi gravi. Is-soċjetà rikorrenti qalet li kien Chris Grima stess li ammetta li kkawża l-ħsara u x'kien li wassal għall-akkadut. Is-soċjetà rikorrenti qalet ukoll li hija ma tistax tifhem għal liema raġuni l-kjamat fil-kawża qiegħed jgħid li hija kienet nkarigatu biex jagħmel l-istallazzjoni, meta fix-xhieda tiegħu spjega li hija ma kellha x'taqsam xejn mal-installazzjoni, u li dan kien appalt miftiehem direttament bejn l-intimat u l-kjamat fil-kawża. Is-soċjetà rikorrenti qalet ukoll li fl-appell inċidentali l-kjamat fil-kawża jgħid li hija għandha tiġi akkollata b'responsabbilità kontributorja għaliex naqset milli tipprovdilu l-għodda u l-attrezzaturi neċessarji sabiex huwa seta' jeżegwixxi x-xogħlijiet sal-livell tal-kwalità mistennija. Is-soċjetà rikorrenti qalet li hija ma kellha l-ebda rwol f'dan l-appalt, kif wara kollox stqarr il-kjamat fil-kawża stess, u għalhekk hija ma kellha l-ebda obbligu li tipprovdi għodod jew attrezzaturi

oħra lill-kjamat fil-kawża. Is-soċjetà rikorrenti qalet li dak li ġara kien li l-intimat ried jagħmel xogħol partikolari, bil-konsegwenza li kienet meħtieġa għodda speċjali, u kien għalhekk li hija silfet xi għodda lill-kjamat fil-kawża. Qalet li dan bl-ebda mod ma jagħmilha responsabbli għad-danni sofferti mill-intimat jew mill-kjamat fil-kawża

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

30. Il-Qorti sejra fl-ewwel lok tikkonsidra l-aggravji sollevati mill-intimat fl-appell prinċipali mressaq minnu. L-intimat ħassu aggravat bis-sentenza tal-Ewwel Qorti, u spjega li bejn il-partijiet jeżisti nuqqas ta' qbil prinċipalment dwar jekk il-prezz mitlub mingħandu kienx ikopri wkoll l-installazzjoni tal-i*stove* li huwa xtara mingħand is-soċjetà rikorrenti, dwar jekk huwa sofriex danni waqt l-installazzjoni tal-i*stove,* u dwar jekk l-i*stove* innifsha sofrietx ħsara sakemm ittieħdet fil-proprjetà tiegħu.

*L-ewwel aggravju:* *[l-Ewwel Qorti skartat provi prodotti mill-intimat dwar jekk il-prezz kienx jinkludi l-installazzjoni tal-i*stove *jew le]*

31. L-intimat jikkontendi li sabiex l-Ewwel Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha li s-soċjetà rikorrenti ma kellha x'taqsam xejn mal-installazzjoni tal-i*stove* mertu ta' dawn il-proċeduri, hija ma ħaditx in konsiderazzjoni b'mod sħiħ tal-provi prodotti, partikolarment tal-provi prodotti minnu. Jgħid li fil-proċess hemm esebita *email* li tgħid b'mod ċar li l-prezz kien jinkludi l-installazzjoni tal-prodott, u mill-provi għandu jirriżulta li l-ftehim mas-soċjetà rikorrenti dejjem kien li l-

installazzjoni hija inkluża fil-prezz. L-intimat qal ukoll li l-fatt li s-soċjetà rikorrenti involviet lis-soċjetà assikuratriċi tagħha, juri li din kienet responsabbli kemm għall-installazzjoni kif ukoll għall-konsegwenti ħsarat li rriżultaw minn din l-installazzjoni. Żied jgħid li mill-provi rriżulta wkoll li l-kjamat fil-kawża ħadem b'għodda mislufa lilu mis-soċjetà rikorrenti, u fix-xhieda tiegħu spjega li huwa kien *sub-contractor* tas-soċjetà rikorrenti. L-intimat qal ukoll li l-Qorti ma ħaditx in konsiderazzjoni li huwa kien ilmenta li l-i*stove* in kwistjoni ġarbet daqqa waqt il-ġarr, liema ħsara għalhekk għandha twieġeb għaliha s-soċjetà rikorrenti.

32. Il-Qorti tibda billi tosserva li f'kull appell li jkollha quddiemha hija tqis il-provi kollha prodotti sabiex tassigura li tkun qiegħda ssir ġustizzja mal-partijiet, mhux lanqas għaliex ħafna drabi din il-qorti ta' reviżjoni hija l-aħħar possibilità ta' rimedju li jkollha parti li tħossha aggravata b'sentenza mogħtija fil-konfront tagħha. Il-Qorti qieset il-provi, minn fejn jirriżulta li l-intimat mhuwiex ikun veritier mal-fatti kif ġraw, meta jgħid li l-ftehim bejn il-partijiet kien li s-soċjetà rikorrenti kienet responsabbli għall-installazzjoni tal-i*stove* in kwistjoni. Mill-provi jirriżulta li din l-offerta da parti tas-soċjetà rikorrenti saret biss fir-rigward tal-mudell R 70, li mill-provi jirriżulta li ma kienx il-mudell li ġie mibjugħ lill-intimat. Mill-provi jirriżulta wkoll li s-soċjetà rikorrenti rrakkomandat numru ta' persuni li lkoll setgħu jagħmlu x-xogħlijiet ta' installazzjoni tal-i*stove,* u s-soċjetà rikorrenti sa mill-bidu nett tar-relazzjoni kummerċjali bejn il-partijiet, infurmat lill-intimat li hija ma setgħetx tagħmel l-installazzjoni bil-ħaddiema tagħha minħabba limitazzjonijiet ta' żmien imposti mill-intimat. Jirriżulta wkoll li l-installazzjoni tal-i*stove* saret skont ftehim ta' appalt miftiehem bejn il-kjamat fil-kawża u l-intimat, u l-kjamat fil-kawża kellu jitħallas ta' xogħlu mill-intimat, tant

hu hekk li dan xehed li l-intimat baqa' ma ħallsux ta' xogħlu. L-intimat jinvoka l-prova li s-soċjetà intimata kkuntattjat lis-soċjetà assikuratriċi tagħha wara li l-intimat ilmenta minn xi danni sofferti minnu, imma għall-Qorti dan il-fatt waħdu ma jfissirx li s-soċjetà rikorrenti assumiet xi forma ta' responsabbilità għall-akkadut jew li din il-prova waħedha għandha twassal lill-Qorti għall-konvinzjoni li x-xogħol tal-installazzjoni sar mis-soċjetà rikorrenti. Kull ma jfisser dan huwa li s-soċjetà rikorrenti riedet tkun koperta f'każ li l-intimat idur fuqha għall-ħlas ta' xi danni, kif fil-fatt għamel permezz tal-kontro-talba tiegħu. Lanqas il-fatt li mill-provi jirriżulta li l-kjamat fil-kawża ħadem b'għodda pprovduta lilu mis-soċjetà rikorrenti, m'huwa suffiċjenti biex tiġi imputa xi forma ta' responsabbilità lis-soċjetà rikorrenti għax-xogħlijiet li saru. Mill-provi jirriżulta li l-intimat insista li ċ-ċumnija tal-*istove* kellha tgħaddi mis-saqaf tal-proprjetà tiegħu, minflok mill-ħajt ta' barra. Dan kien ifisser xogħol addizzjonali b'għodda partikolari, li l-kjamat fil-kawża jgħid li ssellef mingħand is-soċjetà rikorrenti. B'daqshekk dan m'għandux ifisser li s-soċjetà rikorrenti għandha twieġeb hi għall-fatt li skont l-intimat ix-xogħol ma sarx skont is-sengħa u l-arti jew ix-xogħol ma sarx bl-għodda idonea għax-xogħol involut. Kull ma jfisser dan hu li l-biċċa xogħol li biha ġie inkarigat il-kjamat fil-kawża, kienet biċċa xogħol li kellha tinħadem b'għodda u b'metodi li l-kjamat fil-kawża mhux imdorri jaħdem bihom, u għaldaqstant kienet meħtieġa għodda li l-kjamat fil-kawża ma kellux. Minkejja dan, il-kjamat fil-kawża stess xehed li huwa jaħdem bħala *sub-contractor* u mill-provi rriżulta li minkejja li saret rakkomandazzjoni mis-soċjetà rikorrenti dwar min seta' jagħmel ix-xogħol mitlub mill-intimat, il-ftehim dwar l-installazzjoni sar bejn Chris Grima u l-intimat, u s-soċjetà rikorrenti ma kienet involuta fl-ebda parti ta' dan il-ftehim.

33. Il-Qorti tqis ukoll li l-intimat għandu jassumi responsabbilità għal uħud mill-ħsarat li jgħid li sofra, għaliex mill-provi ma jirriżultax li huwa aġixxa bħala *bonus paterfamilias* sabiex jassigura li x-xogħol isir bl-inqas ħsara possibbli. Mill-provi jirriżulta li biex tiġi mgħoddija ċ-ċumnija, kellu jitaqqab is-saqaf tal-fond, u kien waqt li kienu qegħdin isiru dawn ix-xogħlijiet li ġiet ikkaġunata l-ħsara, għaliex kien permezz ta' biċċa għodda li ntużat li ġie kkawżat brix fix-xambrella u tkissir fil-madum. L-intimat għamel riferiment għall-parti tax-xhieda fejn il-kjamat fil-kawża allega li s-soċjetà rikorrenti ħaditlu l-kartun li soltu juża f'installazzjonijiet bħal dawn. Il-Qorti tirrileva li dan ma kienx xi materjal li kien impossibbli li jinkiseb mill-intimat, u l-intimat seta' fil-fatt għamel ferm aktar biex jipproteġi l-għamara u l-madum tiegħu mill-ħsara li qiegħed jallega li huwa sofra, fosthom billi jgħatti l-għamara u l-madum. Dawn huma kollha miżuri preventivi li s-sid ta' proprjetà huwa mistenni li jieħu, u jirriżulta li l-intimat m'għamel xejn sabiex jipproteġi ħwejjġu bl-aħjar mod. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti qiegħda taqbel mal-evalwazzjoni tal-provi li saret mill-Ewwel Qorti, u tqis għalhekk li l-ewwel aggravju sollevat mill-intimat mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

*It-tieni aggravju:* *[dwar l-obbligu tad-danneġġjat li jimminimizza d-danni]*

34. L-intimat jgħid li huwa ħassu aggravat b'dik il-parti tas-sentenza tal-Ewwel Qorti fejn sabet li l-parti danneġġjata għandha l-obbligu li timminimizza d-danni. Qal li ġew ikkawżati danni fil-proprjetà tiegħu għaliex ma ntużatx għodda idonea għax-xogħol li kien meħtieġ u għax kien hemm xogħol li ma sarx skont is-sengħa u l-arti. Qal ukoll li huwa ma seta' jagħmel xejn biex

jimminimizza d-danni għaliex il-madum miksur m'għadx hawn bħalu fis-suq, u għalhekk huwa ser ikollu jaqla' l-madum tas-sular kollu.

35. Il-Qorti hawn ikkonsidrat li jirriżulta, partikolarment mix-xhieda tal-kjamat fil-kawża, li l-intimat ma ħax prekawzjonijiet fil-fond tiegħu sabiex jassigura li ma tiġri l-ebda ħsara fl-għamara u fil-madum, bix-xogħol li kien maħsub li jsir. Ċertament li t-tqegħid ta' ftit kartun oħxon fuq il-madum ma kienx xi biċċa xogħol li kellu għalfejn jaħseb għaliha l-kjamat fil-kawża, jew xi ħaġa li ma setgħetx issir għaliex is-soċjetà rikorrenti ma ħallitx il-kartun fil-post wara li saret il-konsenja tal-i*stove.* Mill-provi jirriżulta li minkejja li l-kjamat fil-kawża irnexxielu jsib madum li jaqbel ma' dak li kellu l-intimat fid-dar tiegħu, u kkonsenjah fil-ħanut tas-soċjetà rikorrenti sabiex l-intimat imur jiġbru bil-kumdità, l-intimat naqas milli jagħmel dan u l-madum tħalla għand is-soċjetà rikorrenti, filwaqt li l-intimat baqa' jinsisti li ma jridx iħallas għall-konsenja li saritlu minħabba d-danni sofferti minnu. L-intimat issa qiegħed jgħid li l-Ewwel Qorti ma kinitx korretta fis-sentenza tagħha fejn qalet li huwa kellu obbligu jimminimizza d-danni li qiegħed jgħid li ġarrab. Din il-Qorti iżda, wara li qieset il-provi prodotti, issib li l-Ewwel Qorti kellha raġun tikkonkludi li l-intimat m'għamilx dak kollu meħtieġ sabiex jimminimizza d-danni sofferti minnu. Il-prekawzjonijiet li kien mistenni jieħu l-intimat ma kinux jirrikjedu xi sforz partikolari da parti tiegħu, iżda biss ftit miżuri preventivi bħala *bonus paterfamilias.* In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis li anki dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.

*It-tielet aggravju:* *[dwar il-ħlas tal-ispejjeż tal-kawża]*

36. L-intimat jgħid li huwa ħass ruħhu aggravat ukoll minħabba fil-mod kif l-Ewwel Qorti apporzjonat l-ispejjeż ta' din il-kawża. B'mod aktar speċifiku l-intimat jgħid li mhux ġust li huwa jiġi kkundannat iħallas l-ispejjeż, meta għandu jirriżulta li huwa parti danneġġjata wkoll.

37. Il-Qorti tirrileva li l-proċeduri odjerni ġew istitwiti mis-soċjetà rikorrenti, fejn din ilmentat li minkejja li sar il-bejgħ u l-konsenja tal-i*stove* in kwistjoni lill-intimat, dan naqas milli jħallasha. L-Ewwel Qorti laqgħet it-talbiet kollha tas-soċjetà rikorrenti u ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-intimat fir-rigward. L-intimat flimkien mar-risposta tiegħu ressaq kontro-talba, fejn talab lill-Qorti tikkonsidra l-allegati danni sofferti minnu. Fil-kontro-talba tal-intimat kien hemm involuti tliet partijiet, u l-Ewwel Qorti ddeċidiet li s-soċjetà rikorrenti mhijiex responsabbli għall-allegata ħsara li ġarrab l-intimat, filwaqt li l-kjamat fil-kawża ġie kkundannat jagħmel tajjeb għall-ħsara sofferta mill-intimat, għalkemm il-Qorti ma llikwidatx id-danni fl-ammont pretiż mill-intimat. Meta ġiet biex tapporzjona l-ispejjeż, l-Ewwel Qorti ddeċidiet li l-ispejjeż tal-kontro-talba għandhom jiġu sopportati kwantu għal żewġ terzi mill-intimat u terz mill-kjamat fil-kawża, wara li qieset li s-soċjetà rikorrenti ma ġiet ikkundannata tagħmel tajjeb għall-ebda parti mid-danni li l-intimat jgħid li sofra. Din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fil-mod kif l-Ewwel Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha f'dan ir-rigward, u għalhekk tqis li anki dan l-aggravju mhux mistħoqq, u tiċħdu.

*Ir-raba' aggravju:* *[l-imgħax dovut]*

38. L-intimat jgħid huwa ħassu aggravat ukoll għaliex fil-fehma tiegħu huwa ma kellux jiġi kkundannat iħallas l-imgħax bil-mod kif deċiż mill-Ewwel Qorti,

għaliex l-ammont pretiż mis-soċjetà rikorrenti kien *da liquidarsi* u għalhekk ma kienx ammont ċert, likwidu u dovut. Il-Qorti tqis li m'għandhiex ittawwal wisq dwar dan il-punt, għaliex mill-provi jirriżulta li s-soċjetà rikorrenti fetħet il-proċeduri odjerni bil-ħsieb li l-intimat jiġi kkundannat iħallas is-somma ta' €3,691.04 rappreżentanti l-prezz tax-xiri u l-kunsinna tal-i*stove* in kwistjoni. Fil-fatt dan kien l-ammont likwidat mill-Ewwel Qorti u l-ammont li l-intimat ġie kkundannat iħallas. Dan ifisser li l-ammont kien wieħed ċert, likwidu u dovut, u għalhekk il-Qorti tqis li anki r-raba' aggravju mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.

**<u>L-Appell Inċidentali</u>**

39. Il-kjamat fil-kawża Chris Grima, ressaq appell inċidentali mis-sentenza appellata stante li huwa wkoll ħassu aggravat minn dik is-sentenza fir-rigward tar-responsabbiltà għall-ħsarat sofferti mill-intimat.

*L-ewwel aggravju: [ir-responsabbilità għall-ħsarat sofferti]*

40. Fl-ewwel lok, il-kjamat fil-kawża qal li mhux ġust li l-Ewwel Qorti sabet li huwa għandu jinżamm responsabbli għall-ħsarat sofferti mill-intimat. Żied jgħid li fl-ewwel lok ma nġabet l-ebda prova li huwa kien responsabbli għal din il-ħsara, u fit-tieni lok l-Ewwel Qorti kellha ssib li l-intimat ma ħa l-ebda miżuri preventivi sabiex jipproteġi l-madum u x-xambrella mill-possibiltà ta' ħsara. Qal ukoll li huwa ma kellux għodda tajba biex jaħdem. L-imsejjaħ fil-kawża invoka wkoll il-prinċipju *de minimis non curat praetor* sabiex jargumenta li f'dan il-każ huwa kellu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

41. Il-Qorti tirrileva li sa mill-bidu tax-xhieda tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti, l-kjamat fil-kawża ammetta li l-ħsara li seħħet waqt l-installazzjoni tal-i*stove* in kwistjoni kellu jwieġeb għaliha hu. Tant hu hekk, li l-kjamat fil-kawża ħa l-iżbriga li jipprova jfittex madum bħal dak li kellu l-intimat fid-dar tiegħu, xtrah u ħallih għand is-soċjetà rikorrenti ladarba l-intimat baqa' ma tahx aċċess għad-dar tiegħu sabiex il-madum ikun jista' jinbidel. Il-Qorti tirrileva wkoll li jekk il-kjamat fil-kawża kien jaf li ma kellux l-għodda idonea biex ilesti l-biċċa xogħol li daħal għaliha, seta' jirrifjuta li jwettaq l-inkarigu mitlub mill-intimat, jew inkella seta' jinsisti li l-biċċa xogħol li talab l-intimat kienet oneruża wisq għal bniedem waħdu. B'riferiment għall-prinċipju *de minimis non curat praetor,* il-Qorti tirrileva li l-kjamat fil-kawża issejjaħ fil-kawża wara li ġie stabblit li l-appalt tal-installazzjoni tal-i*stove* in kwistjoni kien sar miegħu. Għandu jirriżulta wkoll, li meta jitqies li t-talba oriġinali tas-soċjetà rikorrenti kienet għall-ħlas tas-somma ta' €3,691.04, is-somma ta' €492 bħala danni mhijiex ammont daqstant insinifikanti. Għaldaqstant tqis li dan l-ewwel aggravju tal-kjamat fil-kawża mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.

*It-tieni aggravju:* *[dwar l-imgħax legali]*

42. L-intimat isostni li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta ddeċidiet li l-imgħax legali fuq l-ammont dovut minnu għandu jibda jiddekorri mid-data tan-notifika tiegħu bil-kawża, u dan għaliex f'dan il-każ kellu japplika l-prinċipju *in illiquidis non fit mora.*

43. Il-Qorti tqis illi l-Ewwel Qorti kellha tillikwida hi d-danni dovuta lill-intimat fir-rigward tal-ħsarat sofferti fil-proprjetà tiegħu. Minkejja li fil-kontro-talba

tiegħu l-intimat indika ammont speċifiku bħala danni li huwa jippretendi li għandhom jitħallsu lilu għall-ħsarat sofferti minnu, id-danni likwidati mill-Qorti huma inqas minn dawk pretiżi mill-intimat. Għaldaqstant għandu japplika l-prinċipju *in illiquidis non fit mora,* u fir-rigward tal-ammont li għandu jitħallas mill-intimat, l-imgħax għandu jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza u mhux mid-data tan-notifika tal-atti tal-kawża.

Għaldaqstant il-Qorti tqis illi dan l-aggravju huwa ġustikat, u tilqgħu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qegħda tiddeċiedi dwar l-appell prinċipali tal-intimat billi tiċħdu, u b'hekk qegħda tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti fir-rigward tat-talba prinċipali.**

**Il-Qorti tiċħad l-ewwel aggravju tal-appell inċidentali, filwaqt li qiegħda tilqa' t-tieni aggravju b'tali mod li l-imgħax fuq l-ammont li jrid jitħallas mill-kjamat fil-kawża lill-intimat għandu jibda jingħadd mid-data tas-sentenza appellata.**

**L-ispejjeż tal-appell prinċipali għandhom jitħallsu mill-intimat, filwaqt li l-ispejjeż tal-appell inċidentali għandhom jitħallsu f'partijiet ugwali mill-intimat u mill-kjamat fil-kawża.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**